# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

4 ta' Ġunju 2015*

"Appell — Għajnuna mill-Istat — Ftehim bejn l-Ungerija u l-kumpannija taż-żejt u l-gass MOL dwar it-tariffi tax-xogħol fil-minjieri marbuta mal-estrazzjoni tal-idrokarburi — Emenda sussegwenti tas-sistema legali li żżid ir-rata tat-tariffi — Żieda fit-tariffi mhux applikata għal MOL — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni — Natura selettiva"

Fil-Kawża C-15/14 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fil-15 ta' Jannar 2014,

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn L. Flynn u K. Talabér-Ritz, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

**MOL Magyar Olaj- és Gázipari Nyrt.**, stabbilita f'Budapest (l-Ungerija), irrappreżentata minn N. Niejahr, avukat, u F. Carlin, barrister,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, S. Rodin, A. Borg Barthet, M. Berger u F. Biltgen (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Novembru 2014,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2015,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

## Sentenza

1 Permezz ta' dan l-appell, il-Kummissjoni Ewropea titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea MOL vs Il-Kummissjoni (T-499/10, EU:T:2013:592, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha din tal-aħħar annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/88/UE, tad-9 ta' Ġunju 2010, dwar l-għajnuna mill-Istat C 1/09 (ex NN 69/08) mogħtija mill-Ungerija lil MOL Nyrt. (ĠU 2011, L 34, p. 55, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

### Il-kuntest ġuridiku

2 L-Ungerija rregolat l-attivitajiet kollha tal-minjieri, inklużi dawk relatati mal-idrokarburi, permezz tal-Liġi XLVIII tas-sena 1993 dwar l-operat tal-minjieri (1993. évi XLVIII. törvény a bányászatról, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-minjieri"). Skont din il-liġi, il-funzjonijiet regolatorji huma eżerċitati mill-Ministru responsabbli mill-minjieri u mill-awtorità inkarigata mill-minjieri, li tissorvelja l-attivitajiet tal-operat tal-minjieri.

3 Il-Liġi dwar il-minjieri tipprovdi li l-esplorazzjoni u l-operat fil-minjieri jistgħu jsiru taħt żewġ sistemi legali differenti. L-Artikoli 8 sa 19 tal-Liġi dwar il-minjieri jistabbilixxu, għal żoni kklassifikati bħala "magħluqa", sistema ta' konċessjoni, mogħtija fi tmiem ta' proċedura ta' sejħa għal offerti għal kull żona magħluqa, fuq il-bażi ta' kuntratt iffirmat bejn il-Ministru responsabbli mill-minjieri u l-impriża li tkun intgħażlet. Fir-rigward taż-żoni kklassifikati bħala "miftuħa", *a priori* inqas għonja f'dak li huwa materjal li jista' jiġi estratt, dawn jistgħu jiġu operati taħt il-kopertura ta' awtorizzazzjoni tal-operat maħruġa mill-awtorità inkarigata mill-minjieri, sakemm l-applikant jissodisfa l-kundizzjonijiet legali.

4 L-Artikolu 20 tal-Liġi dwar il-minjieri jiddetermina r-regoli li jiffissaw it-tariffi tax-xogħol fil-minjieri li għandhom jitħallsu lill-Istat. L-Artikolu 20(11) ta' din il-liġi jipprovdi li l-ammont tat-tariffa tax-xogħol fil-minjieri huwa perċentwali ddeterminat, skont il-każ, fil-Liġi dwar il-minjieri, fil-kuntratt ta' konċessjoni jew fil-kuntratt konkluż fuq il-bażi tal-Artikolu 26/A(5) tal-Liġi dwar il-minjieri. L-Artikolu 20(2) sa (7) ta' din il-liġi jipprovdi li r-rata tat-tariffa tax-xogħol fil-minjieri hija stabbilita mil-Liġi dwar il-minjieri meta l-attività ta' estrazzjoni sseħħ taħt is-sistema tal-awtorizzazzjoni tal-operat.

5 Sas-sena 2008, ir-rata tat-tariffa tax-xogħol fil-minjieri għall-estrazzjoni ta' idrokarburi ta' żejt mhux raffinat u ta' gass naturali, taħt il-kopertura tal-awtorizzazzjoni tal-operat, kienet iffissata għal 12 % tal-valur tal-kwantità prodotta għaż-żoni ta' depożiti li bdew joperaw mill-1 ta' Jannar 1998 jew kienet idderivata mill-applikazzjoni ta' formula matematika li, b'mod partikolari, tieħu inkunsiderazzjoni l-prezz medju tal-gass naturali mixtri mid-dipartiment pubbliku tal-gass, b'rata minima ta' 12 %, għaż-żoni ta' depożiti ta' gass naturali li bdew joperaw qabel l-1 ta' Jannar 1998.

6 L-Artikolu 26/A(5) tal-Liġi dwar il-minjieri jipprovdi li meta impriża li topera minjieri li teżerċita l-attività tagħha taħt il-kopertura tal-awtorizzazzjoni tal-operat, jiġifieri għal żoni ta' depożiti li jinsabu f'żoni miftuħa, ma tkunx bdiet topera fil-ħames snin wara l-għoti tal-awtorizzazzjoni, hija tista' tapplika, għal darba biss, quddiem l-awtorità inkarigata mill-minjieri għal estensjoni ta' dan it-terminu għal perijodu massimu ta' ħames snin. F'każ ta' kunsens mill-imsemmija awtorità, kuntratt bejn il-Ministru responsabbli mill-minjieri u l-impriża li topera minjieri għandu jiddetermina, għaż-żoni ta' depożiti li ngħataw estensjoni, il-kwantità ta' materjali li sservi ta' bażi għall-kalkolu tat-tariffa tax-xogħol fil-minjieri u r-rata ta' din, li għandha tkun ogħla mir-rata applikabbli fid-data tal-applikazzjoni għal estensjoni, mingħajr ma teċċedi 1.2 darba din ir-rata (iktar 'il quddiem it-"tariffa ta' estensjoni"). Jekk l-applikazzjoni għal estensjoni tkun tirrigwarda iktar minn żewġ żoni ta' depożiti, ir-rata tat-tariffa ta' estensjoni hija applikata għaż-żoni kollha ta' depożiti tal-impriża li topera minjieri permezz ta' kuntratt ta' mill-inqas ħames snin (iktar 'il quddiem it-"tariffa miżjuda tax-xogħol

fil-minjieri”). Jekk l-applikazzjoni għal estensjoni tkun tirrigwarda iktar minn ħames żoni ta’ depożiti, tariffa eċċezzjonali tista’ tintalab għal mhux iktar minn 20 % tal-ammont li għandu jitħallas fuq il-bażi tat-tariffa miżjuda tax-xogħol fil-minjieri.

7 Il-Liġi CXXXIII tas-sena 2007 dwar l-operat tal-minjieri li temenda l-Liġi XLVIII tas-sena 1993 (2007. évi CXXXIII. törvény a bányászatról szóló 1993. évi XLVIII. törvény módosításáról, iktar ’il quddiem il-“Liġi dwar il-minjieri emendata”), li daħlet fis-seħħ fit-8 ta’ Jannar 2008, temenda r-rata tat-tariffa tax-xogħol fil-minjieri.

8 Għalhekk, l-Artikolu 20(3) tal-Liġi dwar il-minjieri emendata tipprevedi rata ta’ 30 % tal-valur tal-kwantità operata għaż-żoni ta’ depożiti operati bejn l-1 ta’ Jannar 1998 u l-31 ta’ Diċembru 2007, l-applikazzjoni tal-formola matematika eżistenti taħt is-sistema tal-Liġi dwar il-minjieri għaż-żoni ta’ depożiti ta’ gass naturali operati qabel l-1 ta’ Jannar 1998, b’rata minima tat-tariffa ta’ 30 %, u l-applikazzjoni ta’ rata tat-tariffa tax-xogħol fil-minjieri ddifferenzjata għaż-żoni ta’ depożiti li bdew joperaw wara l-1 ta’ Jannar 2008, skont il-kwantità ta’ żejt mhux raffinat jew ta’ gass naturali estratt, jiġifieri rata ta’ 12 % għal kwantità annwali prodotta li ma teċċedix 300 miljun ta’ $m^3$ ta’ gass naturali jew 50 kt ta’ żejt mhux raffinat, rata ta’ 20 % għal produzzjoni ta’ bejn 300 miljun ta’ $m^3$ ta’ gass naturali u 500 miljun ta’ $m^3$ ta’ gass naturali jew bejn 50 kt ta’ żejt mhux raffinat u 200 kt ta’ żejt mhux raffinat, u rata ta’ 30 % għal produzzjoni li teċċedi 500 miljun ta’ $m^3$ ta’ gass naturali jew 200 kt ta’ żejt mhux raffinat. Fl-aħħar nett, għaż-żoni kollha ta’ depożiti, tkun xi tkun id-data li fiha bdew joperaw, it-tariffa tax-xogħol fil-minjieri dovuta tiżdied bi 3 % jew 6 % jekk il-prezz taż-żejt mhux raffinat Brent jaqbeż 80 dollaru Amerikan (USD) jew 90 USD rispettivament.

9 L-Artikolu 235 tal-Liġi LXXXI tas-sena 2008 li temenda r-rati ta’ taxxa u ta’ tariffi (2008. évi LXXXI. törvény egyes adó- és járuléktörvények módosításáról) jemenda l-Liġi dwar il-minjieri, billi jġib lura għal 12 % ir-rata tat-tariffa tax-xogħol fil-minjieri għaż-żoni ta’ depożiti sfruttati bejn l-1 ta’ Jannar 1998 u l-31 ta’ Diċembru 2007 inkluż, u r-rata minima tat-tariffa tax-xogħol fil-minjieri dovuta għaż-żoni ta’ depożiti ta’ gass naturali sfruttati qabel l-1 ta’ Jannar 1998. Din l-emenda daħlet fis-seħħ fit-23 ta’ Jannar 2009.

## Il-fatti li wasslu għall-kawża

10 MOL Magyar Olaj- és Gázipari Nyrt. (iktar ’il quddiem “MOL”) hija kumpannija stabbilita f’Budapest (l-Ungerija), li l-attivitajiet prinċipali tagħha huma t-tfittix għal u l-produzzjoni ta’ żejt mhux raffinat, ta’ gass naturali u ta’ prodotti tal-gass, it-trasport, il-ħażna u d-distribuzzjoni ta’ prodotti abbażi ta’ żejt mhux raffinat lill-grossisti u lill-bejjiegħa bl-imnut, it-trasport tal-gass naturali kif ukoll il-produzzjoni u l-bejgħ ta’ alkeni u ta’ poljolefini.

11 Fid-19 ta’ Settembru 2005, MOL applikat għal estensjoni tad-drittijiet tagħha tax-xogħol fil-minjieri relatati ma’ tnax-il żona ta’ depożiti ta’ idrokarburi li ngħataw awtorizzazzjoni u li kienu għadhom ma bdewx joperaw.

12 Fit-22 ta’ Diċembru 2005, il-Ministru responsabbli mill-minjieri u MOL iffirmaw ftehim ta’ estensjoni b’applikazzjoni tal-Artikolu 26/A(5) tal-Liġi dwar il-minjieri, li kien jirrigwarda t-tnax-il żona ta’ depożiti ta’ idrokarburi (iktar ’il quddiem il-“Ftehim tal-2005”), li jestendi b’ħames snin id-data ta’ skadenza sabiex jinbeda l-operat ta’ dawn it-tnax-il żona ta’ depożiti ta’ idrokarburi, u li jiffissa t-tariffa tal-estensjoni li għandha titħallas minn MOL lill-Istat kif ġej, jiġifieri 12 % × 1.050 għall-ewwel sena, jew 12.600 %, 12 % × 1.038 għat-tieni sena, jew 12.456 %, 12 % × 1.025 għat-tielet sena; jew 12.300 %, u 12 % × 1.020 għar-raba’ u l-ħames sena, jew 12.240 %).

13 Skont il-punt 4 tal-Ftehim tal-2005, it-tariffa miżjuda tax-xogħol fil-minjieri tapplika, matul perijodu ta’ ħmistax-il sena dekorribbli mid-data ta’ meta jidħol fis-seħħ dan il-ftehim, għal kull żona ta’ depożiti ta’ MOL diġà operata taħt l-awtorizzazzjoni tal-operat, jiġifieri 44-il żona ta’ depożiti ta’ idrokarburi li

l-produzzjoni tagħhom inbdiet wara l-1 ta' Jannar 1998 u 93 żona ta' depożiti ta' gass naturali li l-produzzjoni tiegħu nbdiet qabel din id-data. Ir-rata tat-tariffa miżjuda tax-xogħol fil-minjieri tal-ħames sena tal-perijodu ta' estensjoni tapplika sal-ħmistax-il sena. Fir-rigward taż-żoni ta' depożiti ta' gass naturali, il-koeffiċjent taż-żieda għal kull sena mill-ħames snin ta' estensjoni japplika għall-formola matematika stabbilita fl-Artikolu 20(3)(b) tal-Liġi dwar il-minjieri, filwaqt li l-koeffiċjent ta' żieda tal-ħames sena japplika sal-ħmistax-il sena.

14 Il-punt 6 tal-Ftehim tal-2005 jipprovdi għall-ħlas ta' tariffa eċċezzjonali ta' 20 biljun forint Ungeriż (HUF).

15 Il-punt 9 ta' dan il-ftehim jipprovdi li r-rata tat-tariffa ta' estensjoni, ir-rata tat-tariffa miżjuda tax-xogħol fil-minjieri, il-bażi tal-kalkolu, il-perċentwali u kull fattur li jservi għall-kalkolu ta' dawn it-tariffi huma ddeterminati, matul il-perijodu kollu tal-Ftehim tal-2005, permezz tal-klawżoli ta' dan tal-aħħar biss u li r-rati ddefiniti f'dan il-ftehim jibqgħu l-istess matul dan il-perijodu kollu.

16 Il-punt 11 tal-Ftehim tal-2005 jipprojbixxi lill-partijiet milli jtemmu b'mod unilaterali dan il-ftehim, ħlief fil-każ li terz jakkwista iktar minn 25 % tal-kapital ta' MOL. Huwa jipprevedi wkoll li dan il-ftehim jidħol fis-seħħ fid-data effettiva tar-riżoluzzjoni tal-awtorità inkarigata mill-minjieri. Din ir-riżoluzzjoni saret fit-23 ta' Diċembru 2005 u kellha l-effett ta' approvazzjoni tal-estensjoni tat-terminu sabiex jinbeda l-operat tat-tnax-il żona ta' depożiti ta' idrokarburi kif ukoll tal-ħlasijiet dovuti minn MOL u ddeterminati mill-Ftehim tal-2005.

17 Wara li rċeviet ilment fl-14 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra tat-13 ta' Jannar 2009, innotifikat lill-awtoritajiet Ungeriżi bid-deċiżjoni tagħha li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88(2) KE dwar il-Ftehim tal-2005 sa fejn dan eżenta lil MOL miż-żieda tat-tariffa tax-xogħol fil-minjieri li rriżultat mil-Liġi emendata dwar il-minjieri. Il-Kummissjoni qieset li l-Ftehim tal-2005 u d-dispożizzjonijiet tal-Liġi emendata dwar il-minjieri kienu jaqgħu fl-ambitu tal-istess miżura (iktar 'il quddiem il-"miżura kkontestata"), li kellha l-effett li tagħti lil MOL vantaġġ indebitu u kkostitwixxiet għalhekk għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 81(1) KE. Permezz ta' ittra tad-9 ta' April 2009, l-Ungerija ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fuq id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali u kkontestat li din il-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

18 Wara l-osservazzjonijiet imressqa minn MOL u l-Magyar Bányászati Szövetség (assoċjazzjoni tal-minjieri Ungeriża), u wara li l-Ungerija bagħtet, fil-21 ta' Settembru 2009 u fit-12 ta' Jannar 2010, dokumenti mitluba mill-Kummissjoni, din tal-aħħar adottat, fid-9 ta' Ġunju 2010, id-deċiżjoni kkontestata li skontha l-miżura kkontestata kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE inkompatibbli mas-suq komuni, u li l-Ungerija kellha tirkupra l-għajnuna mingħand MOL.

**Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza kkontestata**

19 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Ottubru 2010, MOL ressqet azzjoni bil-għan, prinċipalment, li tikseb l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u, sussidjarjament, l-annullament tal-istess deċiżjoni sa fejn din tordna l-irkupru tal-ammonti kkonċernati.

20 MOL invokat tliet motivi insostenn tar-rikors tagħha, ibbażati rispettivament fuq il-ksur tal-Artikoli 107(1) TFUE u 108(1) TFUE kif ukoll il-ksur tal-Artikoli 1(b)(v) u 14(1) tar-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

21 Fil-kuntest tal-ewwel motiv, MOL ikkontestat il-klassifikazzjoni tal-miżura kkontestata bħala għajnuna mill-Istat.

22 Il-Qorti Ġenerali eżaminat, b'mod partikolari, it-tieni argument invokat fl-ambitu ta' dan il-motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' selettività tal-miżura kkontestata. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat qabelxejn, fil-punt 54 tas-sentenza appellata, li l-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) KE titlob li jkun iddeterminat jekk, taħt skema statutorja partikolari, miżura statali tkunx tali li tiffavorixxi "ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti" meta mqabbla ma' oħrajn li, fid-dawl tal-għan tas-sistema inkwistjoni, ikunu f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli.

23 Imbagħad, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 62 tas-sentenza appellata, li l-miżura kkontestata f'dan il-każ hija kkostitwita minn żewġ elementi, jiġifieri, minn naħa, il-Ftehim tal-2005, li jistabbilixxi r-rati tat-tariffi tax-xogħol fil-minjieri taż-żoni ta' depożiti kollha ta' MOL, li nbeda l-operat tagħhom jew li l-operat tagħhom ġie estiż, għal kull waħda mill-ħmistax-il sena taż-żmien tagħha, u, min-naħa l-oħra, il-Liġi emendata dwar il-minjieri, li żżid ir-rati ta' tariffi tax-xogħol fil-minjieri għaż-żoni ta' depożiti ta' idrokarburi kollha taħt awtorizzazzjoni tal-operat, mingħajr inklużjoni ta' dispożizzjoni intiża għaż-żoni ta' depożiti li kienu diġà s-suġġett ta' ftehim ta' estensjoni.

24 Finalment, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 63 tas-sentenza appellata, li t-tariffi stipulati skont il-Ftehim tal-2005, li kienu japplikaw kemm għaż-żoni ta' depożiti diġà operati kif ukoll għal dawk ikkonċernati mill-estensjoni tal-awtorizzazzjoni tal-operat, kienu ogħla mit-tariffi legali applikabbli fil-mument tal-konklużjoni tiegħu u kkonkludiet li dan il-ftehim ma kienx jinvolvi elementi ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

25 Fil-punti 64 u 65 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ġġudikat, barra minn hekk, li meta Stat jikkonkludi ma' operatur ekonomiku ftehim li ma jinvolvix elementi ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, il-fatt li, imbagħad, il-kundizzjonijiet esterni għal tali ftehim jinbidlu b'mod li jagħtu vantaġġ lil dan l-operatur ma huwiex suffiċjenti sabiex, meqjusa flimkien, il-ftehim u l-emenda sussegwenti tal-kundizzjonijiet esterni għalih ikunu jistgħu jitqiesu li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

26 Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 66 tas-sentenza appellata, li kien ikun differenti li kieku t-termini tal-ftehim konkluż ġew proposti b'mod selettiv mill-Istat lil operatur wieħed jew lil diversi operaturi u mhux fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jirriżultaw minn test ta' portata ġenerali u applikabbli għall-operaturi kollha. Madankollu, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-fatt li huwa biss operatur wieħed li kkonkluda ftehim ta' dan it-tip jista' jirriżulta, partikolarment, mill-assenza ta' interess min-naħa ta' kull operatur ieħor u għalhekk ma huwiex suffiċjenti li tiġi stabbilita n-natura selettiva ta' dan il-ftehim.

27 Finalment, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 67 tas-sentenza appellata, li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, għaqda ta' elementi tista' tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat jekk dawn l-elementi jkollhom, fir-rigward tal-kronoloġija tagħhom, tal-għanijiet tagħhom u tas-sitwazzjoni tal-impriża fil-mument li jintervjenu, rabtiet tant mill-qrib bejniethom li jkun impossibbli li jiġu diviżi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni *et* u Il-Kummissjoni vs Franza *et*, C- 399/10 P u C-401/10 P, EU:C:2013:175, punti 103 u 104).

28 Minn dan, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li għaqda ta' elementi bħalma hija dik indikata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata tista' tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat meta l-Istat jaġixxi b'mod li jipproteġi operatur jew diversi operaturi diġà preżenti fis-suq, billi jikkonkludi magħhom ftehim li jagħtihom rati ta' tariffi ggarantiti għaż-żmien kollu tiegħu, meta jkollu l-intenzjoni li sussegwentement jeżerċita l-kompetenza regolatorja tiegħu, billi jżid ir-rata tat-tariffi b'mod li l-operaturi l-oħra, ġodda jew diġà preżenti fis-suq, jiġu sfavoriti.

29 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti Ġenerali eżaminat jekk, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kkunsidratx korrettament li l-miżura kkontestata kienet selettiva.

30 Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali analizzat, fil-punti 70 sa 73 tas-sentenza appellata, il-qafas legali li jirregola l-konklużjoni tal-Ftehim tal-2005. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li l-Artikolu 26/A(5) tal-Liġi dwar il-minjieri, li jippermetti li tintalab l-estensjoni tad-drittijiet tax-xogħol fil-minjieri, ma jidhirx li huwa dispożizzjoni ta' natura selettiva u lanqas ma jirriżulta minn din id-dispożizzjoni li l-awtoritajiet Ungeriżi jistgħu jirrifjutaw li jiftħu negozjati bil-għan li jiġi konkluż tali ftehim. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat ukoll li, anki jekk din id-dispożizzjoni tipprevedi li kull impriża tax-xogħol fil-minjieri tista' tapplika għall-estensjoni tad-drittijiet tagħha tax-xogħol fil-minjieri, tali impriża tista' madankollu tiddeċiedi li ma tagħmilx tali applikazzjoni jew li ma taċċettax ir-rati proposti mill-awtoritajiet Ungeriżi b'tali mod li ma jiġi konkluż l-ebda ftehim.

31 Fir-rigward tal-marġni ta' diskrezzjoni mogħti lill-awtoritajiet Ungeriżi mill-Artikolu 26/A(5) tal-Liġi dwar il-minjieri, fir-rigward tar-rata tat-tariffa ta' estensjoni, li tiddetermina, fejn applikabbli, dik tat-tariffa miżjuda tax-xogħol fil-minjieri, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 72 tas-sentenza appellata, li tali marġni ta' diskrezzjoni ma jistax b'mod mandatorju jitqies li jiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produzzjonijiet b'paragun ma' oħrajn u, b'hekk, li jagħti natura selettiva lil ftehimiet ta' estensjoni konklużi, peress li dan jista' jiġi ġġustifikat minn diversi fatturi, bħan-numru ta' żoni ta' depożiti li għalihom l-operat huwa estiż u l-importanza tagħhom meqjusa b'paragun maż-żoni ta' depożiti diġà operati.

32 Fir-rigward tal-każ ineżami, il-Qorti Ġenerali qieset li l-marġni ta' diskrezzjoni mogħti mill-Artikolu 26/A(5) tal-Liġi dwar il-minjieri huwa tali li jippermetti lill-amministrazzjoni żżomm l-ugwaljanza fit-trattament bejn l-operaturi skont jekk jinsabux f'sitwazzjonijiet paragunabbli jew differenti, billi tadatta l-proposti tagħha dwar it-tariffi għall-karatteristiċi ta' kull applikazzjoni għal estensjoni ppreżentata, u skont jekk tidhirx bħala l-espressjoni ta' setgħa diskrezzjonali ċirkoskritta permezz tal-kriterji oġġettivi, li ma humiex estranji għas-sistema ta' tariffi stabbilita mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni. Skont il-Qorti Ġenerali, dan il-marġni ta' diskrezzjoni huwa differenti, fin-natura tiegħu, mill-każijiet fejn l-eżerċizzju ta' tali marġni huwa marbut mal-għoti ta' vantaġġ favur operatur ekonomiku peress li, f'dan il-każ, dan iservi sabiex jiżen ħlas addizzjonali impost fuq l-operaturi ekonomiċi sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti mnissla mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

33 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 73 tas-sentenza appellata, li mill-Artikolu 26/A(5) tal-Liġi dwar il-minjieri jirriżulta li r-rati tat-tariffa ta' estensjoni u, fejn applikabbli, tat-tariffa miżjuda tax-xogħol fil-minjieri, huma ddeterminati biss mill-ftehim ta' estensjoni, konformement mal-Artikolu 20(11) tal-Liġi dwar il-minjieri.

34 Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 74 tas-sentenza appellata, li l-fatt li r-rati ffissati għal kull sena ta' validità huma r-riżultat ta' negozjati ma huwiex biżżejjed sabiex jagħti lill-Ftehim tal-2005 u li dan ma kienx ikun mod ieħor ħlief kieku l-awtoritajiet Ungeriżi kienu eżerċitaw il-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom waqt in-negozjati li wasslu għal dan il-ftehim b'tali mod li tiġi ffavorita MOL billi jaċċettaw livell baxx ta' tariffa mingħajr raġuni oġġettiva fid-dawl tal-għan taż-żieda tat-tariffi f'każ ta' estensjoni ta' awtorizzazzjoni tal-operat u għad-detriment ta' kwalunkwe operatur ieħor li jkun ipprova jieħu estensjoni tad-drittijiet tiegħu tax-xogħol fil-minjieri jew, fin-nuqqas ta' tali operatur, fil-preżenza ta' indizji konkreti tal-eżistenza ta' trattament li jiffavorixxi, b'mod li ma huwiex iġġustifikat, lil MOL.

35 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk in-natura selettiva tal-Ftehim tal-2005 intwerietx mill-Kummissjoni, partikolarment fid-dawl tal-klawżola li tistabbilixxi r-rata preċiża tat-tariffa miżjuda tax-xogħol fil-minjieri għal kull waħda mill-ħmistax-il sena taż-żmien ta' validità ta' dan il-ftehim u fid-dawl ta' dik li tipprevedi li dawn ir-rati jibqgħu ma jinbidlux.

36 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret, qabelxejn, fil-punt 76 tas-sentenza appellata, li l-Liġi dwar il-minjieri hija fformulata f'termini ġenerali għal dak li jirrigwarda l-impriżi li jistgħu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26/A(5) tal-imsemmija liġi. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat ukoll,

fil-punt 77 tas-sentenza appellata, li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni sempliċement ikkonstatat li MOL kienet l-unika impriża li kienet, fil-fatt, ikkonkludiet ftehim ta' estensjoni fis-settur tal-idrokarburi. Dan il-fatt jista' jiġi spjegat minn assenza ta' interess min-naħa ta' operaturi oħrajn u għaldaqstant, assenza ta' applikazzjonijiet għal estensjoni, jew minn assenza ta' ftehim bejn il-partijiet fuq ir-rati tat-tariffa ta' estensjoni. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li, f'dawn iż-żewġ ipoteżijiet tal-aħħar, peress li l-kriterji ffissati mil-Liġi dwar il-minjieri għall-konklużjoni ta' ftehim ta' estensjoni huma oġġettivi u applikabbli għall-operaturi kollha, potenzjalment interessati, li jissodisfawhom, ma jistax jiġi aċċettat li l-konklużjoni tal-Ftehim tal-2005 hija ta' natura selettiva.

37 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 78 tas-sentenza appellata, li, billi ffissaw ir-rata tat-tariffa miżjuda tax-xogħol fil-minjieri għal kull waħda mill-ħmistax-il sena li matulhom il-Ftehim tal-2005 huwa validu u billi pprovdew li r-rati hekk iffissati jibqgħu l-istess, MOL u l-Ungerija sempliċement applikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20(11) u tal-Artikolu 26/A(5) tal-Liġi dwar il-minjieri.

38 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, fil-punt 79 tas-sentenza appellata, li r-rati stipulati mill-Ftehim tal-2005 japplikaw għaż-żoni kollha ta' depożiti ta' MOL li bdew joperaw diġà taħt il-kopertura ta' awtorizzazzjoni tal-operat, jiġifieri għal 44 żona ta' depożiti ta' idrokarburi u għal 93 żona ta' depożiti ta' gass naturali, filwaqt li l-estensjoni tikkonċerna biss tnax-il żona oħra ta' depożiti li ma kinux għadhom bdew joperaw fil-mument tal-konklużjoni ta' dan il-ftehim. Għalhekk, il-fatt li l-koeffiċjent ta' żieda jinsab taħt il-limitu ta' 1.2 u b'mod partikolari bejn 1.02 u 1.05 jista' jiġi spjegat oġġettivament min-numru żgħir ta' żoni ta' depożiti kkonċernati mill-estensjoni meta mqabbla maż-żoni ta' depożiti li kienu diġà bdew joperaw fl-2005. Issa, peress li l-Kummissjoni ma eżaminatx dan l-aspett, il-Qorti Ġenerali qieset li ebda indizju ta' trattament preferenzjali mhux iġġustifikat ta' MOL ma jirriżulta mid-deċiżjoni kkontestata u li ma jistax jiġi preżunt li MOL kellha dritt għal trattament favorevoli meta mqabbla mal-impriżi l-oħrajn kollha li potenzjalment jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli.

39 Finalment, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 80 tas-sentenza appellata, li għalkemm il-Kummissjoni semmiet li kien hemm ftehimiet oħra ta' estensjoni konklużi minn impriżi tax-xogħol fil-minjieri fis-settur tal-minerali solidi, hija ma fittxetx li tikseb iktar informazzjoni fid-dettall dwarhom mingħand l-awtoritajiet Ungeriżi u ma ħadithomx inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni kkontestata, li minnha jirriżulta, *inter alia*, li n-natura selettiva tal-miżura kkontestata tirriżulta mis-selettività tal-Ftehim tal-2005 u mhux min-natura tal-minerali estratti, mir-rati tat-tariffi applikabbli għal dawn il-kategoriji ta' minerali jew mill-fatt li dawn ir-rati ma ġewx emendati sussegwentement. Minn dan, il-Qorti ġenerali kkonkludiet li, bl-approċċ tagħha, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-elementi kollha li permezz tagħhom hija setgħet tkun f'pożizzjoni li tevalwa jekk il-Ftehim tal-2005 kienx selettiv fir-rigward ta' MOL fid-dawl tas-sitwazzjoni maħluqa minn ftehimiet oħra ta' estensjoni, konklużi wkoll fuq il-bażi tal-Artikolu 26/A(5) tal-Liġi dwar il-minjieri.

40 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 81 tas-sentenza appellata, li n-natura selettiva tal-Ftehim tal-2005 ma tistax titqies li hija stabbilita.

41 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali speċifikat, fil-punt 82 tas-sentenza appellata, li ż-żieda fit-tariffi permezz tal-Liġi emendata dwar il-minjieri, li daħlet fis-seħħ fl-2008, seħħet f'kuntest ta' żieda tar-rati globali taż-żejt mhux irraffinat. Minn dan hija kkonkludiet li, peress li l-Kummissjoni ma invokatx li l-Ftehim tal-2005 kien ġie konkluż fl-antiċipazzjoni ta' żieda tat-tariffi tax-xogħol fil-minjieri, dan il-ftehim flimkien ma' din il-liġi emendata ma jistgħux jiġu kklassifikati, b'mod validu, bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

42 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors ta' MOL u annullat id-deċiżjoni kkontestata.

**Fuq l-appell**

43 Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tinvoka aggravju uniku, ibbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali interpretat u applikat b'mod żbaljat il-kundizzjoni ta' selettività prevista fl-Artikolu 107(1) TFUE.

44 L-aggravju huwa maqsum f'erba' partijiet.

*Osservazzjonijiet preliminari*

45 Skont l-Artikolu 107(1) TFUE, mingħajr ħsara għad-derogi previsti mit-trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti għandha, sa fejn tkun tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

46 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, teżiġi li l-kundizzjonijiet kollha msemmijin f'din id-dispożizzjoni jiġu ssodisfatti (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Deutsche Post, C-399/08 P, EU:C:2010:481, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Għalhekk, huwa stabbilit li sabiex miżura nazzjonali tista' tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, l-ewwel nett, għandu jkun hemm intervent tal-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, it-tieni nett, dan l-intervent għandu jkun ta' natura tali li jista' jolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, it-tielet nett, l-intervent għandu jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tiegħu u, ir-raba' nett, dan għandu jwassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Deutsche Post, EU:C:2010:481, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 F'din il-kawża, huma inkwistjoni biss l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-tielet kundizzjoni li tipprovdi li l-miżura inkwistjoni għandha tagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tagħha.

*Fuq l-ewwel parti tal-aggravju uniku*

L-argumenti tal-partijiet

49 Il-Kummissjoni tikkritika l-analiżi, li saret mill-Qorti Ġenerali, tal-qafas legali li rregola l-konklużjoni tal-Ftehim tal-2005 u, b'mod partikolari, tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-awtoritajiet Ungeriżi fir-rigward tal-għażla li jikkonkludu jew ma jikkonkludux ftehim ta' estensjoni u fir-rigward tal-livell tat-tariffa li huma jiffissaw f'dan il-ftehim.

50 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ssostni li l-eżami tal-marġni ta diskrezzjoni mogħti lill-awtoritajiet Ungeriżi fir-rigward ta' ftehim ta' estensjoni, li sar mill-Qorti Ġenerali fil-punti 70 sa 74 u 79 sa 81 tas-sentenza appellata, huwa legalment żbaljat.

51 Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ma kkonstatatx li l-awtoritajiet Ungeriżi huma marbuta li jikkonkludu ftehim ta' estensjoni fi tmiem negozjati, iżda irrilevat, fil-punt 57 tas-sentenza appellata, li, skont l-Ungerija, il-"konklużjoni ta' tali ftehim ta' estensjoni ma kinitx obbligatorja", imbagħad ikkonstatat, fil-punt 77 tal-istess sentenza, li l-fatt li MOL hija l-uniku produttur ta' idrokarburi li kkonkluda ftehim ta' estensjoni jista' jiġi spjegat mill-assenza ta' ftehim bejn il-partijiet fuq ir-rati tat-tariffa ta' estensjoni.

52 Għalhekk, mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Liġi dwar il-minjieri tagħti lill-awtoritajiet Ungeriżi marġni ta' diskrezzjoni li jippermettilhom li jiddeċiedu favur jew kontra l-konklużjoni ta' ftehim ta' estensjoni, mingħajr ma' dan jiġi suġġett għal kriterji oġġettivi u huwa, għalhekk, ta' natura selettiva. Il-Kummissjoni tqis, barra minn hekk, li l-fatt li l-impriżi tal-minjieri għandhom l-għażla jitolbux jew le estensjoni, kif il-Qorti Ġenerali rrilevat fil-punt 71 tas-sentenza appellata, ma huwiex rilevanti.

53 Konsegwentement, il-konklużjoni dedotta mill-Qorti Ġenerali, fil-punt 83 tas-sentenza appellata, li skontha n-natura selettiva tal-miżura kkontestata ma rriżultatx, għandha tiġi ċċensurata.

54 Fil-fatt, din il-konklużjoni tikkontradiċi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u, partikolarment, is-sentenza Franza vs Il-Kummissjoni (C-241/94, EU:C:1996:353, punti 23 u 24), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, bl-iskop u bl-istruttura ġenerali tagħha, is-sistema inkwistjoni tista' tqiegħed ċerti impriżi f'sitwazzjoni iktar favorevoli minn oħrajn peress li l-awtorità kompetenti għandha setgħa diskrezzjonali li tippermettilha li timmodula l-intervent finanzjarju tagħha fid-dawl ta' diversi kunsiderazzjonijiet, bħalma huma, b'mod partikolari, l-għażla tal-benefiċjarji, l-ammont tal-intervent finanzjarju u l-kundizzjonijiet tiegħu. Din tikkontradiċi wkoll is-sentenza P (C-6/12, EU:C:2013:525, punt 27), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ġġudikat li meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħti setgħa diskrezzjonali lill-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tal-modalitajiet ta' applikazzjoni tal-miżura inkwistjoni, id-deċiżjonijiet ta' dawn l-awtoritajiet jimplikaw assenza ta' selettività biss jekk din is-setgħa diskrezzjonali tkun limitata bi kriterji oġġettivi, li ma jkunux marbuta mas-sistema stabbilita bil-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

55 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssostni li l-analiżi tal-Qorti Ġenerali hija żbaljata wkoll sa fejn din tinjora s-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-awtoritajiet Ungeriżi fir-rigward tal-livell tat-tariffa tax-xogħol fil-minjieri li huma jiffissaw fi ftehim ta' estensjoni. Issa, dan huwa ta' natura li jirrendi l-Ftehim tal-2005 selettiv.

56 Skont il-Kummissjoni, il-ġustifikazzjonijiet iċċitati mill-Qorti Ġenerali fil-punt 72 tas-sentenza appellata, li skonthom il-marġni ta' diskrezzjoni huwa ta' natura li jippermetti lill-amministrazzjoni żżomm l-ugwaljanza fit-trattament bejn operaturi, ma humiex ippreżentati fil-qafas leġiżlattiv nazzjonali bħala elementi li jiddeterminaw sa fejn it-tariffa tax-xogħol fil-minjieri għandha tiġi miżjuda u jikkostitwixxu għalhekk sempliċi suppożizzjonijiet. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali injorat il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, partikolarment is-sentenzi Franza vs Il-Kummissjoni (C-241/94, EU:C:1996:353), Ecotrade (C-200/97, EU:C:1998:579), Piaggio (C-295/97, EU:C:1999:313), DM Transport (C-256/97, EU:C:1999:332), P (C-6/12, EU:C:2013:525), Ministerio de Defensa u Navantia (C-522/13, EU:C:2014:2262) kif ukoll British Telecommunications vs Il-Kummissjoni (C-620/13 P, EU:C:2014:2309).

57 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li, b'mod kuntrarju għal dak affermat mill-Qorti Ġenerali fil-punt 72 tas-sentenza appellata, il-fatt li l-Ftehim tal-2005 ħoloq piż għal MOL fil-mument tal-konklużjoni tiegħu ma jneħħilux in-natura selettiva tiegħu.

58 MOL tikkontesta l-argumentazzjoni tal-Kummissjoni billi sostniet, minn naħa, li mis-sentenza appellata ma jirriżultax li l-Artikolu 26/A(5) tal-Liġi dwar il-minjieri jagħti marġni ta' diskrezzjoni lill-awtoritajiet Ungeriżi fir-rigward tal-konklużjoni ta' ftehim ta' estensjoni u, min-naħa l-oħra, li l-ġurisprudenza invokata mill-Kummissjoni ma hijiex rilevanti għal dan il-każ.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

59 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 47 tal-konklużjonijiet tiegħu, ir-rekwiżit ta' selettività li joħroġ mill-Artikolu 107(1) TFUE għandu jinżamm b'mod ċar distint mill-għarfien konkorrenti ta' vantaġġ ekonomiku sa fejn, meta l-Kummissjoni tistabbilixxi l-preżenza ta' vantaġġ, fis-sens wiesa', li jirriżulta direttament jew indirettament minn miżura partikolari, hija

għandha tistabbilixxi, barra minn hekk, li dan il-vantaġġ jibbenefika speċifikament impriża jew diversi impriżi. Sabiex tagħmel dan, hija għandha turi, b'mod partikolari, li l-miżura inkwistjoni tintroduċi distinzjonijiet bejn impriżi li jkunu jinsabu, fir-rigward tal-għan imfittex, f'sitwazzjoni paragunabbli. Għalhekk, jeħtieġ li l-vantaġġ jingħata b'mod selettiv u li dan ikun jista' jqiegħed ċerti impriżi f'sitwazzjoni iktar favorevoli minn oħrajn.

60 Madankollu, għandu jiġi osservat li r-rekwiżit ta' selettività jvarja skont jekk il-miżura inkwistjoni hijiex prevista bħala skema ġenerali tal-għajnuna jew bħala għajnuna individwali. F'dan il-każ tal-aħħar, l-identifikazzjoni tal-vantaġġ ekonomiku jippermetti, bħala prinċipju, li s-selettività tagħha tiġi preżunta. Min-naħa l-oħra, fl-eżami ta' skema ġenerali tal-għajnuna, huwa neċessarju li jiġi identifikat jekk il-miżura inkwistjoni, minkejja l-konstatazzjoni li hija tagħti vantaġġ ta' portata ġenerali, tagħmilx dan biss għall-benefiċċju ta' ċerti impriżi jew ta' ċerti setturi ta' attivitajiet.

61 Minn dan isegwi li l-parametri tal-paragun rilevanti għall-istabbiliment tas-selettività tal-miżura kkontestata f'din il-kawża jikkonsistu fil-verifika ta' jekk il-proċedura ta' konklużjoni u ta' stabbiliment tat-termini tal-ftehim ta' estensjoni tad-drittijiet tax-xogħol fil-minjieri, prevista fl-Artikolu 26/A(5) tal-Liġi dwar il-minjieri, tintroduċix distinzjoni bejn l-operaturi li jkunu jinsabu, fid-dawl tal-għan imfittex, f'sitwazzjoni fattwali u legali paragunabbli, li ma hijiex iġġustifikata min-natura u mill-istruttura tas-sistema inkwistjoni.

62 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li din il-kawża għandha manifestament tinżamm distinta mill-kawżi li wasslu għall-ġurisprudenza msemmija mill-Kummissjoni insostenn tal-argumentazzjoni tagħha, u mfakkra fil-punti 54 u 56 ta' din is-sentenza, intiża sabiex tikkritika l-analiżi li saret, mill-Qorti Ġenerali, tal-qafas legali li jirregola l-Ftehim tal-2005.

63 Fil-fatt, dawn il-kawżi jirrigwardaw dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jagħtu eżenzjonijiet minn taxxi jew piżijiet oħra (sentenzi Franza vs Il-Kummissjoni, C-241/94, EU:C:1996:353; Piaggio, C-295/97, EU:C:1999:313; DM Transport, C-256/97, EU:C:1999:332; P, C-6/12, EU:C:2013:525; Ministerio de Defensa u Navantia, C-522/13, EU:C:2014:2262, kif ukoll lil British Telecommunications vs Il-Kummissjoni, C-620/13 P, EU:C:2014:2309), jew ukoll eċċezzjonijiet fil-qasam tal-falliment (sentenza Ecotrade, C-200/97, EU:C:1998:579).

64 Issa, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 86 tal-konklużjonijiet tiegħu, hemm differenza fundamentali bejn, minn naħa, l-eżami tas-selettività ta' skemi ġenerali ta' eżenzjonijiet jew ta' tnaqqis li, mid-definizzjoni tagħhom, jagħtu vantaġġ, u, min-naħa l-oħra, l-eżami tas-selettività ta' dispożizzjonijiet fakultattivi tad-dritt nazzjonali li jipprevedu l-impożizzjoni ta' piżijiet addizzjonali. Fil-każ fejn l-awtoritajiet nazzjonali jimponu tali piżijiet bil-għan li jippreżervaw ugwaljanza fit-trattament bejn l-operaturi, is-sempliċi fatt li dawn l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom ċerti marġni ta' diskrezzjoni ddefinit mil-liġi, u mhux mingħajr limitu, kif sostniet il-Kummissjoni fl-ambitu tal-appell tagħha, ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita s-selettività tal-iskema korrispondenti.

65 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali kienet korretta meta ġġudikat, fil-punt 72 tas-sentenza appellata, li l-marġni ta' diskrezzjoni inkwistjoni f'din il-kawża jservi sabiex jiġi kkunsidrat piż addizzjonali impost fuq l-operaturi ekonomiċi sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni rekwiżiti li joħorġu mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u huwa għalhekk differenti, min-natura tiegħu stess, mill-każijiet fejn l-eżerċizzju ta' tali marġni jkun marbut mal-għoti ta' vantaġġ favur operatur ekonomiku partikolari.

66 Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ma tistax validament tiġi kkritikata li wettqet żball ta' liġi meta ġġudikat, fil-punt 74 tas-sentenza appellata, li l-fatt li r-rati ffissati għal kull sena ta' validità tal-Ftehim tal-2005 huma r-riżultat ta' negozjati ma huwiex biżżejjed sabiex jagħti lil dan il-ftehim natura selettiva u li ma kienx ikun mod ieħor ħlief kieku l-awtoritajiet Ungeriżi kienu eżerċitaw il-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom b'tali mod li tiġi ffavorita MOL billi jaċċettaw livell baxx ta' tariffa mingħajr raġuni oġġettiva fid-dawl tal-għan taż-żieda tat-tariffi f'każ ta' estensjoni ta' awtorizzazzjoni u

għad-detriment ta' kwalunkwe operatur ieħor li jkun ipprova jieħu estensjoni tad-drittijiet tiegħu tax-xogħol fil-minjieri jew, fin-nuqqas ta' tali operatur, fil-preżenza ta' indizji konkreti tal-eżistenza ta' trattament li jiffavorixxi, b'mod li ma huwiex iġġustifikat, lil MOL.

67 Barra minn hekk, sabiex tiddetermina jekk in-natura selettiva tal-Ftehim tal-2005 intwerietx mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali, minn-naħa, analizzat fil-punt 79 tas-sentenza appellata, ir-rati stipulati skont dan il-ftehim u kkonstatat li mid-deċiżjoni kkontestata ma jirriżulta ebda indizju ta' trattament preferenzjali li ma huwiex iġġustifikat minn MOL, u li, għaldaqstant, ma jistax jiġi preżunt li MOL kellha dritt għal trattament favorevoli meta mqabbla ma' kull impriża oħra li potenzjalment tinsab f'sitwazzjoni paragunabbli għal tagħha fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 54 tas-sentenza appellata.

68 Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 80 tas-sentenza appellata, li, minkejja li l-Kummissjoni semmiet li kien hemm ftehimiet oħra ta' estensjoni fis-settur tal-minerali solidi, hija ma ħadithomx inkunsiderazzjoni u li, b'dan il-mod, hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-elementi kollha li permezz tagħhom hija kienet tkun f'pożizzjoni li tevalwa jekk il-Ftehim tal-2005 kienx selettiv sa fejn dan jikkonċerna lil MOL fid-dawl tas-sitwazzjoni maħluqa minn ftehimiet oħra ta' estensjoni tad-drittijiet tax-xogħol fil-minjieri, konklużi wkoll fuq il-bażi tal-Artikolu 26/A(5) tal-Liġi dwar il-minjieri.

69 Fit-tmiem tal-analiżi li saret fil-punti 70 sa 74 u 79 sa 80 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali setgħet, validament, tikkonkludi, fil-punt 81 tal-istess sentenza, li, fid-dawl, l-ewwel nett, tal-assenza ta' selettività li tikkaratterizza l-qafas legali li jirregola l-konklużjoni tal-ftehimiet ta' estensjoni tad-drittijiet tax-xogħol fil-minjieri kif ukoll ta' kunsiderazzjonijiet li jiġġustifikaw l-għoti ta' marġni ta' diskrezzjoni u, it-tieni nett, tal-assenza ta' kull indizju li skontu dawn l-awtoritajiet irriservaw trattament favorevoli għal MOL meta mqabbla ma' kull impriża oħra li tinsab f'sitwazzjoni paragunabbli, in-natura selettiva tal-Ftehim tal-2005 ma jistax jitqies li huwa stabbilit.

70 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta eżaminat, fil-punti 70 sa 74 u 79 sa 81 tas-sentenza appellata, il-qafas legali li jirregola l-konklużjoni tal-Ftehim tal-2005.

71 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

*Fuq it-tieni parti tal-aggravju uniku*

L-argumenti tal-partijiet

72 Il-Kummissjoni ssostni li, billi qieset, fil-punti 76 sa 78 tas-sentenza appellata, li l-preżenza ta' kriterji oġġettivi neċessarjament teskludi kull natura selettiva, il-Qorti Ġenerali marret kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li l-fatt li kriterji oġġettivi jintużaw bħala bażi sabiex jiġi ddeterminat jekk ċerti impriżi jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' miżura nazzjonali ma jwassalx neċessarjament għall-konklużjoni tal-assenza ta' selettività (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Spanja vs Il-Kummissjoni, C-409/00, EU:C:2003:92, punt 49, kif ukoll GEMO, C-126/01, EU:C:2003:622, punti 35 u 39).

73 Għalhekk, il-punti 76 sa 78 tas-sentenza appellata u l-konklużjoni li l-Qorti Ġenerali għamlet fil-punti 81 u 83 tal-istess sentenza, li n-natura selettiva tal-Ftehim tal-2005 u tal-miżura kkontestata ma tistax titqies li hija stabbilita, għandhom jiġu ċċensurati.

74 MOL issostni li l-argumentazzjoni tal-Kummissjoni hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata u li l-ġurisprudenza ċċitata minn din tal-aħħar ma hijiex rilevanti għal dan il-każ.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

75 Għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 76 sa 78 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali analizzat il-qafas legali li jirregola l-konklużjoni tal-ftehimiet ta' estensjoni tad-drittijiet tax-xogħol fil-minjieri, inkluż il-Ftehim tal-2005, kif jirriżulta mill-Artikolu 26/A(5) tal-Liġi dwar il-minjieri.

76 Sabiex tagħmel dan, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kwistjoni ta' jekk l-iffissar tar-rata tat-tariffa tax-xogħol fil-minjieri kienx jissodisfa kriterji oġġettivi u applikabbli għal kull operatur potenzjalment interessat. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret, fl-ewwel lok, fil-punt 76 tas-sentenza appellata, li l-Liġi dwar il-minjieri kienet ifformulata f'termini ġenerali fir-rigward tal-impriżi li jistgħu jibbenefikaw mill-estensjoni tad-drittijiet tax-xogħol fil-minjieri. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 77 ta' din is-sentenza, li l-fatt li MOL kienet l-unika impriża li kkonkludiet ftehim ta' estensjoni fis-settur tal-idrokarburi ma kienx neċessarjament jikkostitwixxi indizju ta' selettività, peress li l-kriterji ta' konklużjoni ta' tali ftehim huma oġġettivi u applikabbli għal kull operatur potenzjalment interessat u li l-assenza ta' ftehimiet oħra tista' tirriżulta mid-deċiżjonijiet tal-impriżi stess li ma japplikawx għal estensjoni tad-drittijiet tax-xogħol fil-minjieri. Finalment il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 78 tas-sentenza appellata, li t-tariffi miżjuda tax-xogħol fil-minjieri ffissati għall-perijodu tal-Ftehim tal-2005 jirriżultaw sempliċement mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-minjieri.

77 Minn dawn l-iżviluppi jirriżulta li, billi tikkritika lill-Qorti Ġenerali li qieset li l-preżenza ta' kriterji oġġettivi neċessarjament teskludi kull natura selettiva u li, b'hekk, injorat il-ġurisprudenza li tipprovdi li n-natura selettiva ta' skema tal-għajnuna partikolari ma tistax tiġi eskluża unikament minħabba li l-benefiċjarji huma magħżula permezz ta' kriterji oġġettivi (sentenzi Spanja vs Il-Kummissjoni, C-409/00, EU:C:2003:92, punt 49, kif ukoll GEMO, C-126/01, EU:C:2003:622, punti 35 u 39), il-Kummissjoni tinterpreta b'mod żbaljat is-sentenza appellata.

78 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi rrilevat li, kif MOL sostniet, fil-kawżi li wasslu għal dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni ta' jekk il-benefiċjarji ta' skemi tal-għajnuna statali kinux jew le magħżula permezz ta' kriterji oġġettivi. B'dan il-mod, partikolarment, fis-sentenza GEMO (C-126/01, EU:C:2003:622), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fin-nuqqas tal-għażla skont kriterji oġġettivi u apparentement ġenerali tal-benefiċjarji tal-imsemmija skema stabbilita mil-liġi nazzjonali, l-effetti ta' din tal-aħħar jimmanifestaw ruħhom essenzjalment għall-benefiċċju tal-bdiewa u tal-biċċeriji.

79 Issa, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 91 tal-konklużjonijiet tiegħu, din il-kwistjoni ma hijiex inkwistjoni fil-kawża preżenti, b'mod li l-ġurisprudenza li tirriżulta minn dawn is-sentenzi ma hijiex rilevanti għal dan il-każ.

80 Għaldaqstant, it-tieni parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

*Fuq it-tielet u r-raba' partijiet tal-aggravju uniku*

81 Peress li l-argumentazzjoni żviluppata insostenn tat-tielet u tar-raba' partijiet tal-motiv uniku huma strettament relatati, hemm lok li dawn jiġu eżaminati flimkien.

L-argumenti tal-partijiet

82 Essenzjalment, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali li, fil-punti 64 u 65 tas-sentenza appellata, qieset li l-preżenza ta' vantaġġ selettiv ma tistax tiġi dedotta mis-sempliċi fatt li operatur ikun jinsab f'pożizzjoni vantaġġuża meta mqabbel ma' operaturi oħra, ladarba l-Istat Membru kkonċernat ikun sempliċement eżerċita, b'mod ġustifikat, is-setgħa ta' regolarizzazzjoni tiegħu wara l-evoluzzjoni tas-suq.

83 B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali injorat il-ġurisprudenza li tipprovdi li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, huwa irrilevanti li s-sitwazzjoni tal-benefiċjarju preżunt tal-miżura inkwistjoni titjib jew tiggrava matul iż-żmien (sentenzi Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, 57/86, EU:C:1988:284, punt 10, kif ukoll Adria-Wien Pipeline u Wieterdorfer & Peggauer Zementwerke, C-143/99, EU:C:2001:598, punt 41).

84 Skont il-Kummissjoni, l-importanti huwa li, wara t-8 ta' Jannar 2008, MOL kienet l-unika impriża li kienet privileġġata fir-rigward tal-livell tat-tariffa tax-xogħol fil-minjieri applikabbli għaż-żoni ta' depożiti ta' idrokarburi.

85 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni, minn naħa, li, sa fejn l-evoluzzjoni inkwistjoni tikkonsisti f'emenda leġiżlattiva li l-Istat Membru seta' jiddeċiedi fuq għażla tiegħu, l-approċċ segwit mill-Qorti Ġenerali jippermetti lill-Istati Membri jipprevalixxu minn assenza ta' selettività fir-rigward tal-metodi li huma japplikaw. Min-naħa l-oħra, fil-punti 67 u 82 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rabtet, bi żball, l-evalwazzjoni tan-natura selettiva tal-Ftehim tal-2005 u, għalhekk, tal-miżura kkontestata, mal-intenzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, fil-konklużjoni tal-istess ftehim, li jipproteġi operatur jew diversi operaturi mill-applikazzjoni ta' sistema ġdida ta' tariffi, f'dan il-każ dik stabbilita mil-Liġi emendata dwar il-minjieri.

86 B'hekk, il-Qorti Ġenerali injorat il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li l-Artikolu 107(1) TFUE jiddefinixxi l-interventi statali fid-dawl tal-effetti tagħhom u indipendentement mit-teknika użata mill-Istati Membri sabiex jimplementaw dawn l-interventi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-56/93, EU:C:1996:64, punt 79; Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-75/97, EU:1999:311, punt 25; British Aggregates vs Il-Kummissjoni, C-487/06 P, EU:C:2008:757, punt 89, kif ukoll Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punti 91, 92 u 98).

87 MOL tqis li t-tielet u r-raba' partijiet tal-aggravju uniku għandhom jiġu miċħuda sa fejn, b'mod kuntrarju għal dak li l-Kummissjoni tafferma, il-punti 64, 65, 67 u 82 tas-sentenza appellata ma jikkonċernawx is-selettività.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

88 B'mod preliminari, għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 62 u 63 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-miżura kkontestata hija kkostitwita minn żewġ elementi, jiġifieri l-Ftehim tal-2005 u l-Liġi emendata dwar il-minjieri u kkonstatat li dan il-ftehim ma kienx jimplika element ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

89 F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali qieset, qabelxejn, fil-punt 64 tas-sentenza appellata, li, meta Stat jikkonkludi ftehim ma' operatur ekonomiku li ma jinvolvix element ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, il-fatt li, sussegwentement, il-kundizzjonijiet esterni għal tali ftehim jinbidlu wara b'tali mod li l-operatur inkwistjoni jitqiegħed f'sitwazzjoni vantaġġuża meta mqabbel ma' operaturi oħrajn li ma jkunux ikkonkludew ftehim simili ma huwiex suffiċjenti sabiex, meta meħuda flimkien, il-ftehim u l-emenda sussegwenti tal-kundizzjonijiet esterni minnu jistgħu jitqiesu li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

90 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, fil-punt 65 tas-sentenza appellata, li, li kieku kien mod ieħor, kwalunkwe ftehim li operatur ekonomiku jikkonkludi ma' Stat u li ma jimplikax element ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE jista' dejjem jiġi diskuss mill-ġdid, meta s-sitwazzjoni tas-suq li fih jaġixxi l-operatur li huwa parti għal dan il-ftehim tevolvi b'mod li tagħtih vantaġġ kif espost fil-punt 64 tas-sentenza appellata jew meta l-Istat jeżerċita s-setgħa regolatorja tiegħu b'mod oġġettivament iġġustifikat bħala riżultat ta' evoluzzjoni tas-suq filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn tali ftehim.

91 Finalment, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 66 tas-sentenza appellata, li għaqda ta' elementi bħalma hija dik irrilevata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata tista' tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat meta t-termini tal-Ftehim konkluż ikunu ġew proposti b'mod selettiv mill-Istat lil operatur jew diversi operaturi u mhux fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jirriżultaw minn test ta' portata ġenerali u applikabbli għal kull operatur. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-fatt li operatur wieħed biss ikkonkluda ftehim ta' dan it-tip ma huwiex suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita n-natura selettiva tal-ftehim, peress li tali ċirkustanza tista' tirriżulta b'mod partikolari, mill-assenza ta' interess min-naħa ta' kwalunkwe operatur ieħor.

92 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 67 tas-sentenza appellata, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, miżura ta' għajnuna unika tista' tkun ikkostitwita minn elementi magħquda flimkien bil-kundizzjoni li dawn ikollhom, fir-rigward tal-kronoloġija tagħhom, tal-għanijiet tagħhom u tas-sitwazzjoni tal-impriża fil-mument li jintervjenu, rabtiet tant mill-qrib bejniethom li jkun impossibbli li jiġu diviżi (sentenza Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni *et*, C-399/10 P u C-401/10 P, EU:C:2013:175, punti 103 u 104 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

93 F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali sostniet, fl-istess punt 67 tas-sentenza appellata, li elementi magħquda flimkien bħalma huma dawk invokati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata jistgħu jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat meta l-Istat jaġixxi b'mod li jipproteġi operatur jew diversi operaturi diġà preżenti fis-suq, billi jikkonkludi magħhom ftehim li jagħtihom rati ggarantiti tat-tariffa għat-tul kollu tiegħu, u dan meta jkollu l-intenzjoni li sussegwentement jeżerċita l-kompetenza regolatorja tiegħu, billi jżid ir-rata tat-tariffa b'mod li l-operaturi l-oħra fis-suq ikunu żvantaġġati, kemm jekk dawn huma operaturi diġà preżenti fid-data tal-konklużjoni ta' dan il-ftehim kif ukoll operaturi ġodda.

94 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li, fil-punt 68 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li kellu jiġi eżaminat jekk, f'dan il-każ, il-Kummissjoni setgħetx validament tqis li l-miżura kkontestata kienet selettiva.

95 Mill-premess jirriżulta li, kif MOL sostniet, il-punti 64 sa 67 tas-sentenza appellata ma jittrattawx, bħala tali, l-eżami tas-selettività tal-Ftehim tal-2005, iżda jikkostitwixxu żviluppi preliminari intiżi sabiex jintroduċu l-qafas rilevanti li fid-dawl tiegħu l-Qorti Ġenerali analizzat jekk il-Kummissjoni kkunsidratx korrettament li l-miżura kkontestata kienet selettiva.

96 Fil-fatt, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punti 107 u 114 tal-konklużjonijiet tiegħu, permezz ta' dawn l-iżviluppi preliminari, il-Qorti Ġenerali riedet, fir-realtà, tittratta l-kwistjoni tar-rabtiet eżistenti bejn il-Ftehim tal-2005 u l-Liġi emendata dwar il-minjieri, li dwarha l-Kummissjoni ma ppronunzjatx ruħha b'mod speċifiku fid-deċiżjoni kkontestata u, b'mod iktar partikolari, li tressaq 'il quddiem il-fatt li, fl-assenza ta' rabta kronoloġika u/jew funzjonali bejn dawn iż-żewġ elementi, dawn ma setgħux jiġu interpretati bħala li jikkostitwixxu miżura ta' għajnuna unika.

97 Permezz ta' dawn l-iżviluppi preliminari, il-Qorti Ġenerali, għalhekk, sempliċement applikat il-ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni *et* u Il-Kummissjoni vs Franza *et* (C-399/10 P u C-401/10 P, EU:C:2013:175), li għaliha l-Qorti Ġenerali espressament irreferiet fil-punt 67 tas-sentenza appellata, u li tipprovdi li peress li l-interventi statali jieħdu diversi forom u għandhom jiġu analizzati fid-dawl tal-effetti tagħhom, ma jistax jiġi eskluż li diversi interventi konsekuttivi tal-Istat ikollhom, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, jitqiesu li huma intervent wieħed. Dan jista' b'mod partikolari jkun il-każ meta interventi konsekuttivi jkunu jippreżentaw, b'mod partikolari fir-rigward tal-kronoloġija tagħhom, l-għan tagħhom u s-sitwazzjoni tal-impriża fil-mument meta jseħħu dawk l-interventi, rabtiet tant mill-qrib bejniethom li jkun impossibbli li jiġu mifruda.

98 Huwa f'din l-istess perspettiva li, fil-punt 82 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, minn naħa, iż-żieda fit-tariffi tax-xogħol fil-minjieri li daħlet fis-seħħ fl-2008 seħħet f'kuntest ta' żieda fil-prezzijiet madwar id-dinja u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni ma invokatx li l-Ftehim tal-2005 ġie konkluż b'antiċipazzjoni ta' tali żieda, u kkonkludiet li l-Ftehim flimkien mal-Liġi dwar il-minjieri emendata ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

99 Minn dan isegwi li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali fil-punti 64 sa 67 u 82 tas-sentenza appellata ma huwa vvizzjat minn ebda żball ta' liġi.

100 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-affermazzjoni tal-Kummissjoni fis-sens li dak li huwa importanti huwa li, wara t-8 ta' Jannar 2008, MOL kienet l-unika impriża li ġiet ipprivileġġata, ma tistax tintlaqa'. Fil-fatt, huwa stabbilit, f'dan il-każ, li, kif jirriżulta mill-punt 46 tas-sentenza appellata, il-kwistjoni ta' jekk il-miżura kkontestata hijiex ta' natura selettiva ġiet diskussa mill-partijiet unikament fid-dawl tal-Ftehim tal-2005 u mhux tal-Liġi emendata dwar il-minjieri.

101 Fid-dawl ta' dan kollu premess, it-tielet u r-raba' partijiet tal-aggravju uniku għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

102 Peress li ebda wieħed mill-argumenti mressqa mill-Kummissjoni insostenn tal-aggravju uniku tal-appell tagħha ma ntlaqa', dan l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

103 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li MOL talbet il-kundanna tal-Kummissjoni u din tal-aħħar tilfet l-appell tagħha, hemm lok li din tiġi kkundannata għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-appell huwa miċħud.**

**2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem